



12.3.2012

0012/2012

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar id-deforestazzjoni fl-Unjoni Ewropea

**George Sabin Cutaş, Gaston Franco, Satu Hassi, Daciana Octavia Sârbu**

Data ta' skadenza: 14.6.2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar id-deforestazzjoni fl-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2009 dwar li nindirizzaw l-isfidi tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sabiex niġġieldu t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità,
  - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Ewropa għandha 25 % mill-foresti tad-dinja;
- B. billi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għadha tvarja fost il-pajjiżi fl-UE u tvarja fihom stess, anke fiż-żoni protetti, bħall-park nazzjonali Retezat u l-foresta Białowieża, ħaġa li twassal għal alterazzjoni tal-istruttura u l-bijodiversità tal-foresti;
- C. billi t-tibdil fil-klima jirrappreżenta sfidi ambjentali importanti għall-foresti Ewropej, b'inċidENZA miżjuda ta' diżastri naturali u kundizzjonijiet li jwasslu għall-qerda ta' speċi ta' pjanti u annimali, id-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħamrija, id-deżertifikazzjoni u l-għargħar;
- D. billi l-UE għandha sistema frammentata ta' monitoraġġ tal-foresti;
1. Jitlob li jkun hemm sistema tal-UE ta' monitoraġġ tal-foresti li tkun armonizzata u komprensiva għaż-żmien twil u xierqa għad-diversità tal-foresti Ewropej u l-inċertezza marbuta mat-tibdil fil-klima, li tipprovdi monitoraġġ u rappurtar kontinwi u obbligatorji tal-foresti dwar l-afforestazzjoni, ir-reforestazzjoni u d-diforestazzjoni;
  2. Jitlob li jkun hemm titjib tal-protezzjoni tal-foresti u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fl-UE sabiex jiġi indirizzat it-telf tal-bijodiversità tagħhom, u li l-Istati Membri jiżguraw il-qbid tal-karbonju li jkber b'mod kontinwu fil-foresti tal-UE;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.